# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 9 ta' Gunju 2016**

**Kawza Numru : 20**
**Rikors Guramentat Numru : 1082/2015/LSO**

**Ivan Damato sive Ivan D' Amato 477275M *proprio* u flimkien ma' martu Natalie D'Amato, bhala kuraturi *ad litem* ghan-nom u in rapprezentanza ta' binthom minuri Emilie Eve Damato**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku u b'digriet tal-21 ta' Jannar, 2016 giet kjamata in kawza Natalie D'Amato (ID71680M)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta’ Ivan D'Amato datat 13 ta’ Novembru 2015 fejn espona: -

Illi huwa jehtieg illi jibdel il-passaport u dokumenti ufficjali ohra;

Illi huwa twieled fil-wiehed u ghoxrin ta' Settembru elf disa' mija hamsa u sebghin (21.09.1975);

Illi fic-certifikat tat-twelid tar-rikorrenti mahrug mid-Direttur tar-Registru Pubbliku bin-numru erba', sebgha, sebgha, tnejn (4772) tas-sena 1975 mehmuz markat Dok "ID1" il-kunjom ta' missieru fil-kolonna 'Isem u Kunjom u post tat-twelid' kien tnizzel bhala DAMATO meta suppost ried jitnizzel bhala D'AMATO jigifieri bl-apostrofu bejn l-ittra D u AMATO waqt li fl-istess dokument il-kunjom ta' ommu bhala l-persuna li kienet ghamlet id-dikjarazzjoni mizzel tajjeb bhala D'AMATO kif sejjer jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi ghalhekk huwa kien erronjament tnizzel bhala IVAN DAMATO minflok IVAN D'AMATO fir-Registru Pubbliku;

Illi fil-passaport tieghu mahrug mill-Ufficcju tal-Passaporti bin-numru wiehed, wiehed, erba', hamsa, wiehed, zero, tmienja (1145108) mahrug fit-tletin ta' Lulju 2014 (30.07.2014) kopja mehmuza markata Dok "ID2" il-kunjom tieghu tnizzel bhala DAMATO u mhux D'AMATO;

Illi fil-karta ta’ identita' tieghu mahruga fis-sbatax ta' Lulju 2014 (17.07.2014) bin-numru zero, erbgha, sebgha, sebgha, tnejn, sebgha, hamsa ittra M (0477275M) kopja mehmuza markata Dok "ID3" il-kunjom tieghu tnizzel tajjeb bhala D'AMATO;

Illi fic-certifikat taz-zwieg tieghu mahrug mid-Direttur tar-Registru Pubbliku bin-numru disgha u sebghin (79) tal-elf disa mija disgha u disghin (1999) mehmuz markat Dok "ID4" il-kunjom tieghu u ta' missieru tnizzel bhala DAMATO minflok D'AMATO;

Illi fic-certifikat tat-twelid ta' missieru Joseph D'AMATO mahrug mid-Direttur tar-Registru Pubbliku bin-numru tlieta, wiehed, sebgha, erbgha (3174) tas-sena 1950 mehmuz markat Dok "ID5" il-kunjom ta' missieru u ta' nannuh fil-kolonna 'Isem u Kunjom u post tat-twelid' kien tnizzel tajjeb bhala D'AMATO;

Illi fic-certifikat taz-zwieg tal-genituri tieghu mahrug mid-Direttur tar-Registru Pubbliku bin-numru sebgha, sebgha, tlieta (773) tas-sena 1972 mehmuz markat Dok "ID6" fil-kolonna 'Isem u Kunjom' il-kunjom ta' missieru tnizzel tajjeb bhala D'AMATO;

Illi fil-Passaport ta' missieru Joseph D'AMATO mahrug mill-Ufficcju tal-Passaporti bin-numru wiehed, wiehed, zero, sitta, hamsa, wiehed (110651) illum ikkancellat kopja mehmuza markata Dok "ID7" il-kunjom ta' missieru tnizzel tajjeb bhala D'AMATO kif ukoll fil-firma ta' missieru il-kunjom huwa D'AMATO;

Illi fil-Passaport ta' missieru Joseph D'AMATO mahrug mill-Ufficcju tal-Passaporti bin-numru sitta, tmienja, tmienja, wiehed, hamsa, sitta (688156) mahrug fil-hmistax ta' Frar elfejn u tlieta (15.02.2003) kopja mehmuza u markata Dok "ID8" fil-kunjom ta' missieru hemm spazju bejn l-ittra D u AMATO u ghalkemm ma hemmx apostrofu hija indikazzjoni cara li l-kunjom kien jinkiteb b'apostrofu ghaliex kieku ma kienx jithalla spazju bejn D u Amato waqt li l-firma ta' missieru hija wkoll bl-apostrofu jigifieri D'AMATO;

Illi fil-Karta ta' Identita ta' missieru Joseph D'AMATO mahruga fid-dsatax ta' Settembru 2014 (19.09.2014) bin-numru zero, tlieta, wiehed, sebgha, erbgha, hamsa, zero ittra M (0317450M) kopja mehmuza markata Dok "ID9" il-kunjom ta' missieru tnizzel tajjeb bhala D'AMATO;

Illi fil-licenzja tas-sewqan ta' missieru Joseph D'AMATO kopja mehmuza markata Dok "ID 10" il-kunjom ta' missieru huwa mnizzel tajjeb bhala D'AMATO;

Illi fil-Passaport ta' ommu Margaret D'AMATO mahrug mill-Ufficcju tal-Passaporti bin-numru tlieta, tmienja, tnejn, sitta, disgha, sebgha (382697) mahrug fit-tmienja u ghoxrin ta' Jannar 1993 (28.01.1993) kopja mehmuza markata Dok "ID11" il-kunjom ta' ommu tnizzel tajjeb bhala D'AMATO waqt li l-firma ta' ommu hija wkoll bl-apostrofu jigifieri D'AMATO;

Illi fil-Karta ta' Identita ta' ommu Margaret D'AMATO mahruga fl-ghoxrin ta' Settembru 2014 (20.09.2014) bin-numru zero, sebgha, disgha, disgha, tmienja, hamsa, erba' ittra M (0799854M) kopja mehmuza markata Dok "ID12" il-kunjom ta' ommu tnizzel tajjeb bhala D'AMATO;

Illi fic-certifikat tat-twelid ta' ohtu Tania D'AMATO mahrug mid-Direttur tar-Registru Pubbliku bin-numru tnejn, zero, disgha, hamsa (2095) tas-sena 1989 mehmuz markat Dok "ID 13" il-kunjom ta' missieru fil-kolonna 'Isem u Kunjom u post tat-twelid' tnizzel tajjeb bhala D'AMATO;

Illi fic-certifikat tat-twelid ta' ohtu Mary Michelle D'AMATO mahrug mid-Direttur tar-Registru Pubbliku bin-numru tnejn, sitta, erbgha, wiehed (2641) tas-sena 1980 mehmuz markat Dok "ID 14" il-kunjom ta' missieru fil-kolonna 'Isem u Kunjom u post tat-twelid' tnizzel tajjeb bhala D'AMATO;

Illi fil-Passaport ta' ohtu Mary Michelle D'AMATO mahrug fis-seba' ta' Ottubru 2006 (07.10.2006) mill-Ufficcju tal-Passaporti bin-numru tmienja, tlieta, erbgha, erbgha, hamsa, sebgha (834457) kopja mehmuza markata Dok "ID 15" fil-kunjom ta' ohtu hemm spazju bejn l-ittra D u AMATO u ghalkemm ma hemmx apostrofu hija indikazzjoni cara li l-kunjom kien jinkiteb b'apostrofu ghaliex kieku ma kienx jithalla spazju bejn D u Amato waqt li l-firma ta' ohtu hija wkoll bl-apostrofu jigifieri D'AMATO;

Illi fil-Karta ta' Identita` ta' ohtu Mary Michelle D'AMATO mahruga fil-wiehed u ghoxrin ta' Frar 2014 bin-numru zero, tnejn, sitta, erbgha, wiehed, tmienja, zero ittra M (0264180M) kopja mehmuza markata Dok "ID16" il-kunjom ta' ohtu tnizzel tajjeb bhala D'AMATO;

Illi fil-passaport tal-mara tieghu Natalie D'AMATO mahrug fit-tlettax ta' Lulju 2010 (13.07.2010) mill-Ufficcju tal-Passaporti bin-numru zero, disa', sitta, tmienja, disgha, wiehed, disgha (0968919) kopja mehmuza markata Dok

"ID17" il-kunjom taghha tnizzel bhala DAMATO u mhux D'AMATO;

Illi fil-karta ta' identita' tal-mara tieghu Natalie D'AMATO mahruga fis-sbatax ta' Lulju 2014 (17.07.2014) bin-numru zero, zero, sebgha, wiehed, sitta, tmienja, zero ittra M (0071680M) kopja mehmuza markata Dok "ID18" il-kunjom taghha tnizzel tajjeb bhala D'AMATO;

Illi fic-certifikat tat-twelid tat-tifla tieghu Nicole D'AMATO mahrug mid-Direttur tar-Registru Pubbliku bin-numru wiehed, disgha, zero, tlieta (1093) tas-sena 1999 mehmuz markat Dok "ID 19" il-kunjom tieghu fil-kolonna 'Isem u Kunjom u post tat-twelid' tnizzel tajjeb bhala D'AMATO;

Illi fil-Passaport tat-tifla tieghu Nicole D'AMATO mahrug fid-dsatax ta' Gunju 2015 (19.06.2015) mill-Ufficcju tal-Passaporti bin-numru wiehed, wiehed, disgha, disgha, hamsa, hamsa, sitta (1199556) mehmuz markat Dok "ID20" il-kunjom taghha tnizzel tajjeb bhala D'AMATO;

Illi fil-Karta ta' Identita` tat-tifla tieghu Nicole D'AMATO mahruga fit-tlettax ta' Gunju 2015 (13.06.2015) bin-numru zero, wiehed, disgha, zero, tlieta, disgha, disgha ittra M (0190399M) kopja mehmuza markata Dok "ID21" il-kunjom taghha tnizzel tajjeb bhala D'AMATO;

Illi fic-certifikat tat-twelid tat-tifla tieghu Hayley D'AMATO mahrug mid-Direttur tar-Registru Pubbliku bin-numru tlieta, tlieta, disgha, erbgha (3394) tas-sena 2002 hawn mehmuz markat Dok "ID22" il-kunjom tieghu fil-kolonna 'Isem u Kunjom u post tat-twelid' tnizzel tajjeb bhala D'AMATO;

Illi fil-Passaport tat-tifla tieghu Hayley D'AMATO mahrug fit-tletin ta' Lulju 2014 (30.07.2014) mill-Ufficcju tal-Passaporti bin-numru wiehed, wiehed, erbgha, hamsa, wiehed, zero, hamsa (1145105) kopja mehmuza markata Dok "ID23" il-kunjom taghha tnizzel tajjeb bhala D'AMATO;

Illi fic-certifikat tat-twelid tat-tifla tieghu Emilie Eve D'AMATO mahrug mid-Direttur tar-Registru Pubbliku bin-numru erba', sebgha, zero, erbgha (4704) tas-sena 2015 mehmuz markat Dok "ID24" il-kunjom tieghu fil-kolonna 'Isem u Kunjom u post tat-twelid' tnizzel hazin bhala DAMATO minflok D'AMATO;

Illi huwa dejjem kien maghruf u kiteb kunjomu bhala D'AMATO u mhux DAMATO;

Illi minhabba li d-Direttur tar-Registru Pubbliku qieghed jirrifjuta li johrog certifikati hlief biss bil-kunjom kif miktub originarjament, tali certifikat u dokumenti ufficjali se jkunu qeghdin jinhargu bil-kunjom ta' DAMATO minflok D'AMATO;

Illi d-Direttur tar-Registru Pubbliku qieghed jirrifjuta illi jaghmel il-korrezzjonijiet mehtiega;

Illi dan huwa ta' pregudizzju ghall-istess rikorrent u l-familja tieghu u qieghed jikkawza diffikultajiet prattici lir-rikorrent;

Illi r-rikorrent ghandu interess skont il-ligi, *inter alia ai termini* ta' l-artikolu 253 tal-Kap 16, li ssir id-debita korrezzjoni;

Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, jghid l-intimat ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

1. Tiddikjara li l-kunjom li bih ir-rikorrent kien u huwa konsistentament maghruf huwa "D'AMATO" u mhux "DAMATO";

2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jikkoregi c-certifikat tat-twelid anness u markat Dok "ID1" minnu mahrug bin-numru erbgha, sebgha, sebgha, tnejn (4772) tas-sena 1975 fis-sens illi fil-kolonna intestata "Isem u kunjom" il-kunjom "DAMATO" ghandu jigi kancellat u jigi sostitwit bil-kunjom "D'AMATO";

3. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jikkoregi c-certifikat taz-zwieg anness u markat Dok "ID4" minnu mahrug, bin-numru disa' u sebghin (79) tal-elf disa' mija disgha u disghin (1999) fis-sens illi fil-kolonna intestata "Isem u kunjom" kull fejn jidher il-kunjom "DAMATO" jigifieri kunjom missieru, kunjom ommu u kunjomu ghandu jigi kancellat u jigi sostitwit bil-kunjom "D'AMATO";

4. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jikkoregi c-certifikat tat-twelid tat-tifla tieghu Emilie Eve D'AMATO minnu mahrug bin-numru erbgha, sebgha, zero, erbgha (4704) tas-sena 2015 anness markat Dok "ID24" fis-sens illi l-kolonna intestata "Isem u kunjom" il-kunjom "DAMATO" ghandu jigi kancellat u jigi sostitwit bil-kunjom "D'AMATO";

Bl-ispejjez kontra l-intimat li minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-21 ta' Jannar 2016.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 21 ta' Dicembru 2015 (fol 47) fejn Dr Byron Camilleri ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess Direttur bil-gurament tieghu iddikjara u ikkonferma :

1. Illi *in limine litis* huwa mehtieg li b'ordni tal-Qorti, ta' lanqas hmistax il-gurnata qabel is-smigh tal-kawza ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *a tenur* tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi bla hsara, fl-ewwel lok huwa essenzjali ghall-intergrita/ tal-gudizzju li r-rikorrent jitlob bl-applikazzjoni tal-Artikolu 175 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta korrezzjoni fl-okkju ta' din il-kawza fis-sens li huwa ghandu jidher bhala *'Ivan DAmato sive D'Amato'* u mhux *'Ivan D'Amato' stante* li l-kunjom *'D'Amato'* hekk kif miktub bl-apostrofu ma jappartjenix lilu skont kif jirrizulta mill-Att tat-Twelid tieghu bin-numru ta' iskrizzjoni erbat elef, seba' mija, tnejn u sebghin (4772) tas-sena elf, disa' mija, hamsa u sebghin (1975);

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u *in linea* preliminari, *in vista* tal-fatt illi hemm il-possibilita` illi din il-kawza tirrizulta f'emendi fil-kunjom tat-tifla tar-rikorrent, ossja *'Emilie Eve Damato',* fejn f'liema kaz ikollu jigi modifikat l-Att tat-twelid tal-imsemmija minuri li jgib in-numru ta' iskrizzjoni erbat elef, seba' mija u erbgha (4704)

tas-sena elfejn u hmistax (2015), l-esponent jeccepixxi li huwa indispensabbli ghall-beneficcju ta' l-integrita tal-gudizzju, li tigi kjamata fil-kawza il-minuri Emilie Eve Damato *ai termini* tal-Artikolu 961 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u li jigu mahtura kuraturi *ad litem* in rapprezentanza tal-fuq riferita minuri skont id-disposizzjonijiet tal-Artikoli 781 u 783 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi bla hsara ghas-suespost u fil-mertu, r-rikorrent ghandu jispecifika taht liema artikolu tal-ligi huwa qieghed isejjes l-azzjoni tieghu halli b'hekk l-esponent jkun f'qaghda ahjar li jkun jista' jwiegeb. Kwindi f'dawn ic-cirkostanzi l-esponent bil-permess ta' din l-Onorabbli Qorti umilment qieghed jirrizerva u jzomm shih id-dritt tieghu li jressaq eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz u dan wara li r-rikorrent jindika taht liema disposizzjonijiet tal-ligi huwa qieghed jorbot l-proceduri istanti;

5. Illi bla pregudizzju, jidher illi fir-rikors in risposta bin-numru (1082/2015) r-rikorrent qieghed jaghmel referenza ghall-Artikolu 253 (2) tal-Kap 16 tal Ligijiet ta' Malta u fl-istess hin qed jitlob diversi korrezzjonijiet, cioe` fic-certifkat tat-twelid tieghu bin-numru ta' iskrizzjoni erbat elef, seba' mija, tnejn u sebghin (4772) tas-sena elf, disa' mija, hamsa u sebghin (1975) u kif ukoll f'dak ta' bintu Emilie Eve Damato li jgib in-numru ta' iskrizzjoni erbat elef seba' mija u erbgha (4704) tas-sena elfejn u hmistax (2015) u fic-certifikat taz-zwieg tieghu li jgib in-numru ta' iskrizzjoni disgha u sebghin (79) tas-sena elf disa' mija, disgha u disghin (1999). L-ewwel talba tar-rikorrent sabiex jitlob li din l-Onorabbli Qorti sabiex *"Tiddikjara li l-kunjom li bih ir-rikorrent kien u huwa konsistentament maghruf huwa "D'AMATO" u mhux "DAMATO",* hija kontradittorja;

6. Illi bla hsara, l-esponent qieghed jeccepixxi dan ghaliex l-Artikolu 253 (2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta taghti l-fakulta` sabiex din l-Onorabbli Qorti f'kaz fejn persuna jgib il-provi mehtiega, tawtorizza annotazzjoni <u>fuq l-att tat-twelid rispettiv</u> sabiex tali persuna tista' tigi maghrufa <u>b'isem iehor, u mhux b'kunjom iehor.</u> [Enfasi tal-esponent] Illi l-esponent itenni illi r-rikorrent intavola l-azzjoni tieghu sabiex ibiddel <u>kunjomu u kunjom bintu</u> Emilie Eve Damato, kemm minn <u>fuq l-att taz-zwieg tieghu</u> u kif ukoll minn fuq ic-certifikati tat-twelid rispettivi fuq riferiti. [Enfasi tal-esponent] Filwaqt li talba ghall-korrezzjoni ghandha tigi msejsa taht l-Artikolu 253 (1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi ghaldaqstant, it-talbiet tar-rikorrent msejsin kif inhuma abbazi tal-Artikolu 253 (2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta ma jistawx jigu milqugha. Illi madanakollu r-rikorrent jista', jekk jrid, jitlob l-awtorizzazzjon: lil din l-Onorabbli Qorti sabiex il-premessi tal-azzjoni tieghu jigu mibdula b'mod li t-talbiet tieghu jkunu jistghu jigu inkwadrati taht il-parametri tal-korrezzjoni msemmija fl-Artikolu 253 (1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. Illi bla hsara f'kaz illi s-sitt eccezzjoni tal-intimat tigi milqugha, l-esponent jirrileva ghal kull *buon fini*, illi l-Artikolu 253 (3) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jippermetti sabiex l-annotazzjoni awtorizzata tigi riflessa ukoll f' kull att tal-istat civili relattiv, japplika biss f'kaz illi l-bdil jsir *ai termini* tal-Artikolu 253 (2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. B'hekk l-korrezzjonijiet rikjesti minghand ir-rikorrent ghandhom jigu indikati individwalment abbazi tal-Artikolu 253 (1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. Illi minghajr pregudizzju ghall-fuq espost, l-esponent jirrileva, illi fuq l-Att tat-Twelid tar-rikorrent Ivan DAmato,

bin-numru ta' iskrizzjoni erbat elef, seba' mija, tnejn u sebghin (4772) tas-sena elf, disa' mija, hamsa u sebghin (1975) ma' hemm ebda kunjom imnizzel fir-rigward tat-tarbija u dan *stante* l-fatt illi f'Atti tat-Twelid ta' qabel is-sena elfejn u hamsa (2005) ma kienx ikun hemm indikat il-kunjom tat-tarbija fuq l-Att tat-Twelid, il-ghaliex dak iz-zmien kien hemm il-prezunzjoni illi l-ulied fiz-zwieg kienu jassumu awtomatikament il-kunjom ta' missierhom *ai termini* ta' Artikolu 4 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi fil-kaz *de quo,* isem u kunjom tal-missier tat-tarbija gie indikat bhala 'Joseph DAmato' fuq l-Att tat-Twelid tar-rikorrent skont ma kien gie ddikjarat minn ghand id-dikjaranta fuq l-att tat-twelid tar-rikorrent u ghaldaqstant, ir-rikorrent awtomatikament assuma l-kunjom 'DAmato';

9. Illi bla hsara, l-esponent jirrileva illi l-kunjom ta' missier u tal-omm tar-rikorrent u kunjom ir-rikorrent stess tnizzlu fic-certifikat taz-zwieg tar-rikorrent li jgib in-numru ta' iskrizzjoni disgha u sebghin (79) tas-sena elf, disa' mija, disgha u disghin (1999) abbazi tal-kunjom illi bih ikunu gew registrati bih mar-Registru Pubbliku.

10. Illi minghajr hsara ghas-suespost, l-esponent jirrileva illi kunjom bintu Emilie Eve Damato fl-Att tat-twelid taghha li jgib in-numru ta' iskrizzjoni erbat elef, seba' mija u erbgha (4704) tas-sena elfejn u hmistax (2015) tnizzel ukoll skont ma jirrizulta li gie ddikjarat kunjom missierha, *stante* li *ai termini* ta' Artiklu 4 (3) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, ulied fiz-zwieg jiehdu kunjom missierhom. B'hekk il-kunjom tar-rikorrent fuq l-att tat-twelid tat-tifla tieghu Emilie Eve Damato, tnizzel skont ma jirrizulta li hu kunjomu abbazi tal-att tat-twelid tieghu bin-numru ta' iskrizzjoni erbat elef, seba' mija, tnejn u sebghin (4772) tas-sena elf, disa' mija,

hamsa u sebghin (1975). Ghaldaqstant l-imsemmija minuri awtomatikament assumiet kunjom missierha kif jidher fuq l-att tat-twelid taghha.

11. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent ma ssibx oggezzjoni ghall-korrezzjonijiet kif mitluba fir-rikors in risposta salv pero` li r-Registru Pubbliku m'ghandux jinzamm responsabbli ta' dawn id-diskrepanzi u dan ghas-segwenti ragunijiet:

a. Illi f'dak iz-zmien li gie registrat l-Att ta' Twelid tar-rikorrent u cioe` s-sena elf, disa' mija, hamsa u sebghin (1975), ma kienx hemm ezistenti sistema kompjuterizzata ta' gabra u kkonservar ta' informazzjoni u dokumenti. Ghaldaqstant, l-ufficjali tar-Registru Pubbliku kienu jistriehu fuq id-dikjarazzjoni ta’ dak li jaffermaw il-veracita` tal-informazzjoni li kienet titnizzel fl-att in kwistjoni;

b. Illi d-dikjaranta fuq l-Att ta' Twelid tar-rikorrent kienet l-omm tar-rikorrent, cioe` Margaret DAmato, li tat l-informazzjoni kollha li hemm kontenuta fl-imsemmi Att ta' Twelid, inkluz id-dettalji ta' missier tar-rikorrent, u sahansitra ffirmat dan l-istess att bhala wiehed korrett allura jidher illi accettat l-informazzjoni kif tinsab inserita fl-Att innifsu. *Stante* li l-atti rispettivi qabel ma jghaddu ghar-registrazzjoni jigu moghtija lil min ikun ghamel in-notifika sabiex jiccekja li l-informazzjoni hija koretta u jiffirma l-Att. Illi ghaldaqstant mar-Registru Pubbliku, il-kunjom ta' missier ir-rikorrent huwa registrat bhala 'DAmato' ghaliex tnizzlu skont ma kienet iddikjarat id-dikjaranta Margaret DAmato. Filwaqt li fuq l-Att tat-twelid ta' bint ir-rikorrent Emilie Eve Damato, kien ir-rikorrent stess illi kien

iddikjarant li ffirma l-Att u li kkonferma l-informazzjoni kontenuta bhala wahda korretta;

B'hekk ma jirrizultax li sar xi nuqqas min-naha tar-Registru Pubbliku u ghaldaqstant m'ghandux ibati l-ispejjez tal-proceduri istanti;

12. Illi subordinatament, bla hsara ghall-premess, ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza l-esponent mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-mertu tal-kaz inkwistjoni huwa jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv pero` li l-provi migjuba jkunu l-ahjar u sodisfacenti f'ghajnejn il-ligi;

13. Illi bla pregudizzju ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

14. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent li qieghed jigi ingunt in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tal-Hamis, 28 ta’ April 2016 fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet. Prezenti l-attur. Billi qed tintalab korrezzjoni tac-certifikat tat-twelid tal-minuri Emilie Eve, Dr Borg talbet li l-minuri tkun rapprezentata skont il-ligi f’ dawn l-atti. Il-Qorti laqghet t-talba u ordnat l-korrezzjoni tal-okkju tal-kawza sabiex wara l-karta tal-identita` tar-rikorrent jigu mizjuda l-

kliem "u l-istess kjamata in kawza, ghan-nom u f'isem binthom minuri Emilie Eve". Dr Borg ghaddiet ruhha b'notifikata bir-rikors guramentat kif korrett. Inoltre l-Qorti laqghet it-talba ghall-korrezzjoni mitluba fit-tieni (2) eccezzjoni tal-intimat fis-sens li l-isem tar-rikorrent ghandu jidher bhala "Ivan Damato *sive* D'Amato", u ordnat l-korrezzjoni fl-atti u kull fejn hu mehtieg. B'hekk it-tieni (2) u t-tielet (3) eccezzjonijiet huma sorvolati. Ghal kull buon fini l-intimat ghadda ruhu b'notifikat bl-atti kif korretti. Dr Galea irtira t-talba tieghu tal-kap tal-ispejjez. *In vista* ta' dan Dr. Borg strahet fuq l-atti u l-eccezzjonijiet rimanenti taghha u iddikjarat li m'ghandhiex provi ulterjuri. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-9 ta' Gunju 2016.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi l-atturi qed jaghmlu din it-talba *ai termini* tal-**artikolu 253 *et sequitur* tal-Kodici Civili** li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat civili.

Illi l-publikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254** saret debitament fid-19 ta' Novembru 2015 (fol 34) u b'hekk l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur intimat hija sorvolata.

Illi t-tieni u t-tielet eccezzjonijiet tal-intimat huma wkoll sorvolati bil-korrezzjoni mitluba, awtorizzata b'digriet tat-28 ta' April 2016 u tat-8 ta' Gunju 2016. Ghalhekk, din il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghhom.

Illi r-rikorrenti qed jitolbu li jigi korrett il-kunjom tar-rikorrent billi l-kunjom "Damato" jigi sostitwit bil-kunjom "D'Amato", u gie mitlub li din l-istess korrezzjoni fil-kunjom issir ukoll fic-certifikat tat-twelid tat-tifla taghhom, Emilie Eve Damato.

**Provi**

Ir-rikorrent **Ivan D'Amato** ikkonferma bl-affidavit tieghu (fol 40) li dejjem kien maghruf bhala Ivan D'Amato.

**Joseph D'Amato** kkonferma b'affidavit (fol 41) li hu dejjem kiteb u ffirma kunjomu bhala "D'Amato", hekk kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid u taz-zwieg tieghu. Semma li fil-passaport, fil-karta tal-identita, u fil-licenzja tas-sewqan, kunjomu hu mnizzel bhala "D'Amato." Qal li c-certifikat tat-twelid tat-tifla tieghu, li tigi oht ir-rikorrent, kunjomha mnizzel bhala "D'Amato", u c-certifikat tat-twelid tat-tifel tieghu Ivan D'Amato tnizzel erronjament.

**Margaret D'Amato**, omm ir-rikorrent, xehdet b'affidavit (fol 42) u qalet li mindu zzewget kunjomha dejjem kien "D'Amato" u mnizzel fic-certifikati taz-zwieg u f'dokumenti ohrajn, bhala "D'Amato". Semmiet li fl-att tat-twelid, uliedha bniet imnizzlin bhala D'Amato, u kien biss fl-att tat-twelid tat-tifel Ivan D'Amato li l-kunjom tnizzel erronjament.

**Natalie D'Amato**, mart Ivan D'Amato xehdet b'affidavit (fol 43) u qalet li l-fatt li fl-att tat-twelid tar-ragel taghha kunjomu tnizzel hazin dan gie rifless fl-att tat-twelid tat-tifla taghhom Emilie Eve D'Amato, ghalkemm, fl-att tat-twelid tat-tfal l-ohra taghhom, Nicole u Hayley, l-kunjom tnizzel tajjeb, u cjoe "D'Amato."

**Mary Michelle D'Amato**, oht ir-rikorrenti Ivan D'Amato, xehdet b'affidavit (fol 44) kkonfermat li fic-certifikat tat-twelid taghha kunjomha mnizzel bhala D'Amato, u l-kunjom tal-familja dejjem kien konsistentement maghruf bhala D'Amato.

**Konsiderazzjonijiet fil-mertu**

Il-Qorti rat id-dokumenti kollha esebiti mar-rikors promotur u hija sodisfatta li kunjom missier ir-rikorrent Ivan Damato kien fil-fatt, *D'Amato*, hekk kif jirrizulta minn **Dok** ID5, ID6 u ID7, ID8, ID9, u ID10. (fol. 10-15). B'mod partikolari jirrizulta mic-certifikat tat-twelid ta' Joseph D'Amato u mic-certifikat taz-zwieg tieghu li kunjomu huwa korrettement registrat bhala D'Amato. Anke kunjom n-nannu patern Saviour huwa mnizzel bhala D'Amato fic-certifikat tat-twelid ta' missier ir-rikorrent - DOK ID5 u taz-zwieg - Dok ID6**.** B'hekk ir-rikorrent ghandu jiehu kunjom missieru hekk kif inhu miktub "D'Amato".

Inoltre jirrizulta minn dokumenti ohrajn, fosthom minn dokumenti ufficjali ta' omm ir-rikorrent Ivan D'Amato u ta' hut ir-rikorrent, Dok ID11, ID12, ID13, u ID14 (fol 16-19) fejn jidher b'mod car li l-kunjom tal-familja hu maghruf konsistentment bhala "D'Amato".

Ikkonsidrat, *in vista* tal-affidavits u d-dokumenti esebiti li l-kunjom ta' missier ir-rikorrent Joseph D'Amato kien jinkiteb "D'Amato", u ghalhekk it-talba tar-rikorrenti hija gustifikata kif trid il-ligi. Fid-dawl ta' dan kollu, l-Qorti hija sodisfatta li t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jirnexxu. Ghaldaqstant, it-talbiet rikjesti ser jigu milqugha.

Illi l-intimat eccepixxa wkoll li r-rikorrenti m'ghamlux it-talba taghhom abbazi tal-artikolu 253(1) tal-Kap 16 kif fil-fatt kellhom jaghmlu minhabba t-talbiet specifici kif imfissra fir-rikors, u mhux abbazi tal-artikolu 253(2) tal-Kap 16.

Ikkonsidrat li l-artikolu 253(1) tal-Kap 16 jippermetti talbiet ghall-korrezzjonijiet ta' zbalji f'registrazzjonijiet fir-Registru Pubbliku. Huwa car minn qari tal-premessi u anke tat-talbiet li r-rikors odjern hu ppernjat fuq id-dritt moghti b'dan l-artikolu u jirrigwarda zball li gie ripetut fir-registrazzjonijiet indikati.

Illi ma hemm xejn li jzomm lir-rikorrent milli jitlob li jsiru korrezzjonijiet f'diversi atti anke dawk sussegwenti ghat-twelid tieghu u dan hu pjenament konformi mal-artikolu 253(1) tal-Kap.16

Illi kkonsidrat li t-talba tar-rikorrenti rigwardanti l-kap tal-ispejjez giet irtirata. (fol 55).

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tiddisponi mit-talbiet u mill-eccezzjonijiet tal-intimati skond dan li gej:-

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-kunjom li bih ir-rikorrent Ivan Damato kien konsistentement maghruf kien "D'Amato" u mhux "Damato".

2. Tilqa' t-tieni talba billi sar zball fir-registrazzjonijiet hawn imsemmija u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku

sabiex jikkoregi c-certifikat tat-twelid **Dok ID1** bin-numru erbgha, sebgha, sebgha, tnejn (4772) tas-sena 1975, billi l-kunjom “Damato” jigi sostitwit bil-kunjom “D’Amato”.

3. Tilqa’ t-tielet talba *stante* zball fir-registrazzjoni u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jikkoregi c-certifikat taz-zwieg **Dok ID4** bin-numru disgha u sebghin (79) tal-elf disa’ mija u disghin (1999) fis-sens li fil-kolonna intestata "Isem u kunjom" kull fejn jidher il-kunjom "Damato" jigifieri kunjom missier u omm ir-rikorrent u kunjom l-istess rikorrent ghandu jigi kancellat u sostitwit bil-kunjom "D'Amato";

4. Tilqa’ r-raba’ talba *stante* zball fir-registrazzjoni u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jikkoregi c-certifikat tat-twelid tat-tifla taghhom Emilie Eve Damato **Dok ID24** bin-numru erbgha, sebgha, zero, erbgha (4704) tas-sena 2015 fis-sens li fil-kolonna intestata “Isem u Kunjom” , fejn jidher il-kunjom “Damato” ghandu jigi kkancellat u sostitwit bil-kunjom “D’Amato”.

Ghall-kompletezza fl-ahjar interess tal-minuri u billi hija konsegwenzjali ghall-ordnijiet precedenti tordna wkoll ghall-istess ragunijiet sabiex fic-certifikat tat-twelid tal-minuri Emilie Eve Damato (Dok ID 24) fil-kolonna intestata “*Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha”*, il-kunjom "Damato" jigi sostitwit bil-kunjom "D'Amato" u fil-kolonna intestata “*Isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet"* il-kunjom ta' Joseph Damato jigi sostitwit bil-kunjom "D'Amato."

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti skont l-**artikolu 256 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrent.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**9 ta' Gunju 2016**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**9 ta' Gunju 2016**